**Għawdex Qabel ir-Ritratti (23)** **minn JOHN CREMONA**

# Xi ġralu s-Sultan?

Għawdex huwa magħruf għall-ħajja relattivament kwieta tiegħu jekk ta' l-anqas mhux illum, żgur li madwar mitt sena ilu l-ħajja kienet kwieta ħafna u rari kienet tiġri xi ħaġa mhix tas-soltu.

Mhux hekk imma ġara fis-6 ta' Marzu 1898 meta l-popolazzjoni kollha ta' Malta u Għawdex sebħet titkellem dwar vapur navali Ingliż li nkalja fuq blata fuq il-kosta ta' Kemmuna u kien qed jegħreq.

Mhix ħaġa ta' kuljum jew ta' sikwit li Għawdex jissemma fl-istampa internazzjonali, imma sa ġimagħtejn wara l-inċident, l-istorja kienet qed tingħata prominenza f'żewġ ġurnali popolari Ingliżi; l-*Illustrated London News* u *The Graphic.*

Forsi tistaqsuni x'għandu x'jaqsam is-Sultan? **Sultan** mhu xejn ħlief l-isem tal-vapur mibni fl-Ingilterra fl-1870 u li ssemma għas-Sultan Abdulazziz, it-32 Sultan ta' l-Imperu Ottoman li kien għadu kif għamel żjara fl-Ingilterra. Ftit snin wara, il-vapur kien assenjat fil-Mediterran u allura fis-sena li qegħdin nitkellmu dwarha kien jinstab f'Malta.



THE LAST OF THE "SULTAN"—THE SHIP SINKING IN THE COMINO CHANNEL, BETWEEN GOZO AND MALTA

Imma ejja nħallu r-rakkont ta' l-istorja lil *The Graphic* tat-23 ta' Marzu 1889 '*Fis-7 ta' Marzu* (il-ġurnata kienet is-6 mhux is-7) *il-vapur Brittaniku Sultan inkalja fuq xi blat fix-xlokk ta'Kemmuna, gżira żgħira bejn Malta u Għawdex. Minkejja li ngħata attenzjoni mill-ewwel u minkejja l-isforzi għal kważi ġimgħa sħiħa ta' l-iskwadra tal-Mediterran li stinkaw biex iżommu l-vapur fil-wiċċ, l-isforzi kollha fallew. It-temp ħżien u matul grigalata fil-għodu tal-14 tax-xahar, il-vapur inqala' minn fuq il-blata mill-baħar qawwi u għereq.* Fl-istess ġurnata, l-*Illustrated London News* jiddedika paġna sħiħa bi tliet stampi kbar li juru mumenti differenti waqt ix-xogħol ta' salvataġġ inkluża mappa ta' fejn seħħ l-inċident u l-pożizzjoni tal-vapuri kollha li kienu qegħdin jieħdu sehem fl-operazzjoni tas-salvataġġ. Ta' min jgħid li kollox sar taħt il-kmand tal-*Commander-in-chief* tal-flotta tal-Mediterran li ma kien ħadd ħlief il-Prinċep Albert Duka ta' Edinburgh u t-tieni iben tar-Reġina Vittorja ta' l-Ingilterra.

Kemm iż-żewġ ġurnali li semmejna kif ukoll il-*London Times* u n-*New York Times* ippubblikaw diversi rapporti dwar l-inċident li baqgħu jidhru sa xhur wara u ttrattaw dwar diversi temi relatati ma' l-inċident, fosthom it-tentattivi biex il-vapur jittella' mill-ġdid fil-wiċċ kif ukoll, kif jiġri llum, jippruvaw jixħtu t-tort fuq xi ħadd.

Imma mhux il-gazzetti biss tkellmu dwar l-inċident. Fil-parlament Ingliż kien hemm dibattiti twal dwar l-inċident u dwar min seta' kellu t-tort. Dari bħal-lum ikun hemm min jipprova jieħu vantaġġ anki politiku minn kull sitwazzjoni u allura naraw membri tal-parlament jagħmlu diversi mistoqsijiet promettenti bil-għan li jħammġu lil ħadd ħlief il-Prinċep Albert innifsu.

Artikli oħra kienu jittrattaw dwar il-qorti marzjali tal-Kaptan tal-vapur Ernest Rice fl-Ingilterra u dwar ir-raġunijiet li wasslu għall-għarqa tal-vapur. Imma dwar dawn kollha nista' nikteb fit-tul drabi oħra u nġib stampi oħra relatati ma' l-inċident.

Għalkemm l-inċident seħħ fil-fliegu fuq il-kosta ta' Kemmuna u mhux f'Għawdex, madankollu Kemmuna hija għal kull raġuni kkunsidrata bħala parti minn Għawdex u għalhekk ħassejt li għandha tidħol f'din is-sensiela ta' artikli.

L-inċiżjoni li qed nippubblika hija meħuda minn *The Graphic* tat-30 ta' Marzu 1889 u dehret f'paġna 329. Il-proċess tal-produzzjoni tagħha bħala *woodcut* tkellimt dwaru f'artikli li dehru qabel. L-istampa turi l-aħħar mumenti tas-Sultan qabel għab taħt l-ilma kif ukoll il-vapuri tas-salvataġġ iħarsu mingħajr ma jistgħu jagħmlu xejn. Fuq ix-xellug fuq wara tidher il-kosta ta' Kemmuna.

L-istampa hija intitolata *'The last of the "Sultan"- The ship sinking in the Comino Channel, between Gozo and Malta'.* L-istampa għandha qisien ta' 150mm x 227mm.